**A.L. 225 ta' l-2006**

## ATT DWAR KUNSILLI LOKALI
## (KAP. 363)

### Regolamenti ta' l-2006 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Assoċjazzjoni ta' Awtoritajiet ta' Gvern Lokali (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 37(3) u 72 ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali, il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2006 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Assoċjazzjoni ta' Awtoritajiet ta' Gvern Lokali (Emenda Nru. 2) u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1994 dwar l-Assoċjazzjoni ta' Awtoritajiet ta' Gvern Lokali, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 153 ta' l-1994.

Jemenda regolament 20 tar-regolamenti prinċipali.

**2.** Fir-regolament 20 tar-regolamenti prinċipali minflok is-subregolamenti (3) u (4) għandhom jidħlu s-subregolamenti ġodda li ġejjin:–

"(3) Id-delegazzjoni, li għandu jkollha Kap u Segretarju u li tkun magħmula minn rappreżentanti u s-sostituti tagħhom, għandha tkun maħtura mill-Ministru.

(4) Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jkun is-Segretarju tad-Delegazzjoni.".